# LEHEN IL-PARROCCA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGHARFU, INHOBBU, NIDHLU FIL-PARROĊĊA TAGHNA*

**Nru. 33** **MARZU 1970**

### *IL-KELMA TAL-KAPPILLAN*

# IT-TAGHLIM RELIĠJUŻ

Hafna problemi li naraw madwarna, fil-familja, fuq ix-xogħol, fil-business, fir-rikreazzjoni, kollha għandhom l-għeruq tagħhom fin-nuqqas ta' tagħlim tar-reliġjon tagħna. Hafna huma nsara għax darba għammduhom u mdorrijin, bħalma jagħmlu ħafna affarijiet oħra, li jisimgħu quddiesa nhar ta' Hadd. Imma r-reliġjon għalihom tieqaf hemm. Ftit jgħaddilhom minn rashom li n-nisrani huwa nisrani dejjem u kullimkien, u inqas u inqas jaħsbu li r-reliġjon għalina l-insara għandha tifsira l-azzjonijiet kollha tagħna, u għandha risposta għall-problemi u d-diffikultajiet kollha tagħna.

Il-gwaj hu li ħafna huma sajmin wisq fil-ħwejjeġ tar-reliġjon. U ssib nies li huma kompetenti ferm fil-qasam tax-xogħol jew professjoni tagħhom — jiġifieri għandhom moħħ tajjeb — u mbagħad għandhom nuqqas kbir ta' istruzzjoni u edukazzjoni reliġjuża.

Biex nippruvaw intaffu ftit din il-pjaga fil-parroċċa tagħna qed nagħmlu drive kbira biex dawk li jridu jkollhom iċ-ċans li jitgħallmu. Barra milli qegħdin norganiżżaw aħjar id-duttrina tat-tfal — qed nistampawlkom ukoll il-ħinijiet u l-postijiet tad-duttrina tat-tfal biex tibgħatuhom — bdejna wkoll kors ta' tagħlim reliġjuż għall-kbar. Dan isir kull nhar ta' Hamis fil-Knisja mis-7.00 p.m. sas-7.30 p.m. Imma inutli li aħna nagħmlu jekk intom ma tikkoperawx. Il-bankijiet billi jkunu dejjem il-Knisja, issa tgħallmu biżżejjed, u dan il-Kors m'aħniex qegħdin nagħmluh għalihom. Imħabbtin kemm aħna mħabbtin, *jekk irridu,* dejjem nistgħu nsibu ħin għal din in-nofs siegħa fil-ġimgħa. Nixtieq li kulħadd jifhem din ir-responsabiltà li għandu, u jipprofitta ruħu minn dan iċ-ċans li qegħdin noffrulkom. Nisperaw li dan l-appell jaqa' fuq art tajba.

Il-Bambin iberikkom. *IL-KAPPILLAN.*

———— 0 ————

## FUNZJONIJIET TAL-ĠIMGHA L-KBIRA

*13 ta' Marzu:* Festa tal-Wiċċ ta' Kristu. 7.00 p.m. Quddiesa l-omelija.

*20 ta' Marzu:* Festa tad-Duluri. 6.00 p.m. Purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri u wara Quddiesa.

*22 ta' Marzu, Hadd il-Palm:* 8.30 a.m. Tberik tal-Palm fuq iz-zuntier tal-Knisja l-Qadima. Purċissjoni għall-Knisja l-Ġdida u fid-9.00 a.m. Quddiesa Kantata.

*25 ta' Marzu:* 7.00 p.m. wara l-quddiesa ssir il-priedka tal-Passjoni.

*26 ta' Marzu: Hamis ix-Xirka:* Fil-għodu ma jkunx hemm quddies. Qrar mis-6.00 a.m. sat-8.30 a.m., mit-3.00 p.m. sal-4.00 p.m., mill-5.30 p.m. sas-6.30 p.m. 4.00 p.m. Quddiesa Letta. 6.30 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni. Hasil tar-Riġlejn ta' l-Appostli.

10.00 p.m. Ora Santa quddiem is-Sepulkru.

*27 ta' Marzu,* il-Ġimgħa l-Kbira: Fil-għodu jistgħu jsiru privatament il-viżti tas-Sepulkru. 3.00 p.m. Azzjoni Liturġika. Qari, Kant tal-Passju, Adorazzjoni tas-Salib.

*28 ta' Marzu, Sibt il-Għid:* 8.00 p.m. Velja tal-Għid. Tberik tan-Nar il-Ġdid u tal-Blandun. Tberik ta' l-Ilma tal-Magħmudija. Konċelebrazzjoni Solenni.

## AHBARIJIET U KUMMENTI . . . .

● Il-viżti fil-familji bdew matul ix-xahar li għadda mis-saċerdoti tagħna. Sejrin tajjeb u kulħadd qed jieħu pjaċir bihom..Hija okkażjoni sabiħa li l-parruċċani jiddiskutu mas-Saċerdot fl-ambjent tal-familja l-problemi tagħhom.

● Il-qniepen il-ġodda mlew vojt kbir fil-parroċċa tagħna. In-noti melodjużi tagħhom ifakkruna fid-doveri reliġjużi tagħna, barra milli jagħtuna pjaċir meta nisimgħu l-melodiji li joħorġu minnhom.

● Twaqqaf fil-parroċċa tagħna il-Kunsill Parrokkjali. Jiltaqa' darba fix-xahar u l-iskop tiegħu huwa li jgħin bl-ideat lill-kappillan u l-kleru fit-tmexxija tal-parroċċa. Min ikollu xi kummenti jew xi suġġerimenti x'jagħmel jista' jibgħathom lis-Segretarju, Mr. M. Scicluna 'St. Anthony", St. Michael Street, St. Julian's. Nieħdu pjaċir li jkollna l-ideat ta' kulħadd.

———— 0 ————

## Pellegrinaġġ bil-Mixi għall-Mellieħa

Bħas-snin l-oħra f'Hadd il-Passjoni jkollna l-pellegrinaġġ ta' penitenza għas-Santwarju tal-Mellieħa. Nitilqu bil-mixi fl-4.00 a.m. mill-knisja l-qadima u meta naslu l-Mellieħa, għal xi d-9.00 a.m. ikollna quddiesa.

———— 0 ————

*Is-7 ta' April 1970* hija data importanti għall-parroċċa tagħna. Il-Knisja l-ġdida tagħlaq sentejn miftuħa. Din is-sena wkoll, bħas-sena l-oħra se noffru birthday present lill-Knisja li dis-sena sa jkun ftit bankijiet oħra u l-kor li ser jiġi fil-ftuħ ta' wara l-artal. Ser tirċievu appelli mill-membri tal-għaqdiet li ftit wara jiġu jiġbruhom. Inkunu ġenerużi ħalli nkomplu nsebbħu l-Knisja tagħna.

———— 0 ————

*Fl-24 ta' Marzu* fis-6.30 p.m. se jkollna "il-quddiesa tal-karità". Kulħadd huwa mitlub li jġib xi offerta (affarijiet ta' l-ikel jew anki flus) li jiġu offerti waqt l-offertorju tal-quddiesa, u mbagħad wara jiġu mqassmin lill-familji fqar tal-parroċċa bħala hampers għall-Għid.

———— 0 ————

## Funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira
## fil-Knisja tal-Bon Konsill, Paceville

*Hamis ix-Xirka:* 6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni.
*Ġimgħa l-Kbira:* 3.00 p.m. Azzjoni Liturġika u Adorazzjoni tas-Salib.
*Sibt il-Għid:* 8.00 p.m. Tberik tan-Nar il-Ġdid u tal-Blandun u Konċeleb razzjoni Solenni.

Mill-1 ta' Marzu qed ikollna kull nhar ta' Hadd u fil-festi kmandati il-quddiesa tal-11.00 a.m.

NATIONAL PRESS — Pietà